**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

Seduta tal-10 ta' Lulju, 2019
Rikors Numru: 146/2018 VGA

**Gevimida Limited (C3558)**

***vs***

**Pauline Cassar Galea**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-rikors ipprezentat fil-15 ta' Gunju 2018[1], li permezz tieghu l-kumpanija rikorrenti Gevimida Limited talbet lill-intimata tghid il-ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata minn din il-Qorti sabiex thallasha:

   *"... is-somma ta' tlettax-il elf, mija tmienja u sebghin euro u sitta u ghoxrin centezmu (€13,178.26) rapprezentanti dak is-sehem ta' spejjez inkorsi mis-socjeta' attrici a nom u a beneficcju tal-intimata fir-rigward tal-izvilupp tal-komun ta' Block A, Aquarius Court, Triq Sant' Ubaldesca, Paola, ammontanti sal-lum ghas-somma ta' ghoxrin elf, erba' mija u tnejn u disghin euro u sitta u ghoxrin centezmu (€20,492.26) li minnhom qed tigi mnaqqsa s-somma ta' sebat elef, tlett mija u erbatax-il euro (€7,314) dovuta mis-socjeta' attrici lill-intimata rapprezentanti valur ta' art appartenenti lill-intimata u okkupata mis-socjeta'*

[1] A fol 1

*attrici u dana bi tpacija bejn iz-zewg figuri. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimata minn issa ngunta in subizzjoni u b'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lis-socjeta' attrici".*

2. Rat il-verbal ta' din il-Qorti presjeduta mill-Magistrat illum Imhallef Dr. Francesco Depasquale maghmul fit-2 ta' Lulju 2018 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1241/2018 FDP fl-istess ismijiet, liema verbal gie pprezentat fl-atti ta' din il-kawza permezz tan-nota tal-Assistent Registratur Qrati Civili u Tribunal fil-5 ta' Lulju 2018[2]. F'tali verbal il-Qorti kienet laqghet it-talba tal-kumpanija rikorrenti sabiex dawn il-proceduri li dak iz-zmien kienu quddiem din il-Qorti presjeduta mill-Magistrat illum Imhallef Dr. Grazio Mercieca jigu assenjati lilha sabiex din il-kawza tinstema' flimkien mal-istess mandat.

3. Rat ir-risposta ipprezentata fid-9 ta' Awwissu 2018[3], li permezz taghha l-intimata Pauline Cassar Galea eccepiet is-segwenti:

"*I. Illi m'huwiex minnu li l-kumpannija attrici kienet awtorizzata mill-esponenti sabiex tinkorri s-somma ta' €13,178.26 "a nom u a beneficcju" tal-esponenti, tant illi 1-istess somma hija ferm eccessiva u tmur ferm oltre dak illi, bi ftehim bejn il-kontendenti, kellu jintefaq fl-izvilupp tal-komun ta' Block A, Aquarius Court, Triq Sant Ubaldesca, Paola;*

*II. Illi fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti hija dovuta somma akbar mis-somma ta' €7,314.00, ammessa mill-kumpannija attrici fir-rikors promutorju taghha, u konsegwentement ghandha ssehh tpacija skond il-ligi bejn tali somma u kwalsiasi ammont li din 1-Onorabbli Qorti tista' talvolta tiddikjara li huwa dovut mill-esponenti lill-kumpannija attrici;*

*III. Illi, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-agir tal-kumpannija attrici kien u ghadu qieghed jikkaguna diversi danni lill-esponenti - konsistenti, fost ohrajn, f'telf ta' uzu, telf ta' qliegh, u telf iehor - liema danni ghandhom jigu pacuti ma' kwalsiasi ammont li din l-Onorabbli Qorti tista' talvolta tiddikjara li huwa dovut mill-esponenti lill-kumpannija attrici;*

*IV. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, t-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement jimmeritaw illi jigu respinti, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*V. Salv risposti ulterjuri permessi mill-ligi."*

---

[2] A fol 5
[3] A fol 10

4. Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2019 il-Qorti kienet giet infurmata *"li l-partijiet ittransigew il-pendenzi ta' bejniethom u ghamlu kuntratt u talbu zmien sabiex ikunu jistghu jibdew isiru l-hlasijiet relattivi sabiex l-atti jigu ceduti".*

5. Rat ir-rikors tal-kumpanija rikorrenti pprezentat fl-10 ta' Gunju 2019[4] li permezz tieghu din il-Qorti *inter alia*:

   i. Giet infurmata illi kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet *"tant illi, kif jirrizulta kjarament mill-vera kopja tal-ftehim fl-atti tal-hdax (11) ta' Dicembru, 2018 tan-Nutar Nicholas Briffa (Dok. 'A' hawn anness), l-istess intimata irrikonoxxiet illi hija kreditrici tal-esponenti fis-somma ta' tlettax-il elf, tlieta u tletin euro u wiehed u disghin euro (€13,033.91) liema somma hija obbligat ruhha li thallas lill-esponenti b'dana illi kemm il-kawza odjerna u kif ukoll il-mandat relattiv jibqghu fis-sehh sakemm isehh tali pagament ghas-saldu (klawsola 2 pagna 8 tal-ftehim)"*;

   ii. Giet infurmata ukoll illi *"konsegwentement is-socjeta' esponenti, permezz tal-istess ftehim, intrabtet illi ccedi 1-imsemmija kawza - ossija dik odjerna - u li tintavola l-kontromandat relattiv gialadarba l-imsemmija somma tithallas ghas-saldu"*;

   iii. Giet infurmata ukoll illi *"madanakollu, minkejja diversi interpellazzjonijiet, l-intimata sal-gurnata tal-lum naqset li taffetwa il-pagamenti kollha li hija kienet tenuta taghmel skont tali ftehim u dana minghajr ebda gustifikazzjoni legali ghal dan in-nuqqas"*;

   *iv.* Intalbet sabiex "*stante t-transazzjoni milhuqa dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni necessarja u/jew opportuna inkluz li tisma' lill-partijiet u/jew lin-Nutar Briffa":*

      *a. Tordna illi l-intimata tkun prezenti ghas-seduta li jmiss sabiex tixhed dwar il-vertenza odjerna inkluz dwar in-nuqqas taghha li thallas l-ammont surreferit minkejja l-ftehim milhuq u/jew*

      *b. Tghaddi minnufih sabiex tiddeciedi l-kawza odjerna b'dana illi tikkundanna lill-intimata thallas is-somma likwidata permezz tal-ftehim odjern u bil-modalita' hemmhekk pattwita u konsegwentement tinkludi u tinkorpora l-ftehim odjern fis-sentenza taghha."*

[4] A fol 17-25

6. Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2019, "*meta ssejhet il-kawza deher Dr Philip Magri ghas-socjeta' rikorrenti rapprezentata minn Perit Joe Xuereb. L-intimata u l-avukat taghha imsejjha diversi drabi ma dehrux.*"[5]

7. Rat illi fl-istess seduta l-kumpanija rikorrenti talbet li tipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-intimata u li din il-Qorti laqghet l-istess talba.

8. Rat il-kapitolu ghas-subizzjoni tal-intimata pprezentat mill-kumpanija rikorrenti dakinhar stess, cioe fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2019 li permezz taghha talbitha *"tipprova bil-gurament li hija debitur tas-socjeta' attrici fis-somma u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz"* [6].

9. Rat illi l-kawza thalliet ghas-subizzjoni tal-intimata ghat-3 ta' Lulju 2019 fil-11.00 am u rat ukoll illi aktar tard kienet dehret id-difensur tal-intimata li hadet konjizzjoni tal-verbal;

10. Rat illi s-seduta tat-3 ta' Lulju 2019 giet differita minn din il-Qorti ghall-10 ta' Lulju 2019 ghall-istess skop tal-verbal precedent u dan minhabba indisposizzjoni tal-Magistrat sedenti;

11. Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2019 l-intimata ma' dehritx ghas-subizzjoni taghha sabiex twiegeb ghad-domanda tal-kumpanija rikorrenti;

**Konsiderazzjoni**

12. L-Artikolu 171(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jitratta t-"*tmexxija fil-Qrati Inferjuri*" jipprovdi testwalment kif gej:

    *"Il-kawża għandha titmexxa sommarjament skont l-artikolu 215."*

13. L-Artikolu 215 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta imbaghad jipprovdi b'riferenza ghall-Qrati Inferjuri illi:

    *"Il-qrati msemmijin fl-artikolu 213 għandhom imexxu sommarjament bl-akbar heffa li tkun kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u għandhom iħarsu id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu joqogħdu mal-mod li bih għandu jitmexxa fil-qrati hawn fuq imsemmija bħal ma jingħad hawn fuq."*

---

[5] A fol 26
[6] A fol 27

14. L-Artikolu 702(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi kif gej:

*"Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, it-talba mill-attur għas-subizzjoni tal-konvenut issir fl-avviż imsemmi fl-artikolu 171."*

15. L-Artikolu 699 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta pero jipprovdi ukoll illi:

*"699.(1) Fil-qrati kollha ta' kompetenza ċivili, il-kapitoli jsiru bil-miktub. Il-kapitoli għandhom jiġu approvati mill-qorti.*

*(2) Il-kapitoli għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti waqt is-smigħ tal-kawża għalbiex jiġu approvati"*

16. L-Artikolu 713 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi:

*"Il-prova bil-mezz tas-subizzjoni tista' f'kull każ issir sew qabel kemm wara li jinġiebu provi oħra, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell."*

17. It-talba ghas-subizzjoni tal-intimata saret mill-kumpanija rikorrenti fl-avviz tat-talba ossia' rikors promotur taghha u inoltre l-istess talba giet ripetuta *seduta stante* waqt is-seduta tal-24 ta' Gunju 2019, liema talba kienet giet milqugha minn din il-Qorti;

18. Skond l-Artikolu 702(3)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta *inter alia*, jekk il-parti, msejjħa għas-subizzjoni, ma tidhirx fil-jum mogħti għas-smigħ tal-kawża u l-pretenzjoni miġjuba quddiem il-Qorti tkun ta' aktar minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 582.34), kif inhu l-kaz f'dawn il-proceduri:

*"il-Qorti ghandha tħalli l-kawża għal darb'oħra li ma jkunx aktar tard minn ħmistax-il jum mid-data tas-seduta ... u l-kapitoli kif ikunu ġew imniżżlin mill-qorti jitqiesu mistqarra kemm-il darba l-parti li tagħha tintalab is-subizzjoni, mingħajr ma tinġieb raġuni tajba għal dak in-nuqqas, terġa' tonqos li tidher fil-jum li għalih il-qorti tkun ħalliet il-kawża kif intqal."*

19. Kif inghad izjed 'l fuq, wara li gie pprezentat il-kapitolu ghas-subizzjoni tal-intimata fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2019, din il-Qorti halliet il-kawza ghas-seduta tat-3 ta' Lulju 2019 sabiex l-intimata twiegeb ghad-domanda tal-kumpanija rikorrenti. Is-seduta tat-3 ta' Lulju 2019 kienet imbaghad giet sussegwentement differita ghall-10 ta' Lulju 2019 ghall-istess skop.

20. Meta fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2019 l-intimata naqset milli tidher sabiex twiegeb ghad-domanda tal-kumpanija rikorrenti hija kienet ghalhekk effettivament qeghda tammetti illi "*hija debitur tas-socjeta' attrici fis-somma u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz*"

21. Fil-kawza **Anthony Borg v. Samwel Veneziani** (QTA:CIV:181:97:01:JSP deciza fit-28 ta' April 1998) il-Qorti tal-Appell qalet illi "*din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut.*"

22. Apparti din il-prova, il-Qorti hadet ukoll konjizzjoni tal-kuntratt fl-atti tal-hdax (11) ta' Dicembru, 2018 tan-Nutar Nicholas Briffa (anness bhala Dok A mar-rikors tal-kumpanija rikorrenti tal-10 ta' Gunju 2019), u senjatament tal-klawsola numru 1 pagni 7-8, fejn fiha l-partijiet (kif ukoll terz estranju ghal dawn il-proceduri) ftehmu testwalment kif gej:

*"Illi s-Sinjura Cassar Galea ghandha tirrifondi lura l-ispejjez inkorsi minn Gevimida ghan-nom tal-istess Sinjura Cassar Galea sabiex Gevimida tiffinixxja l-Izvilupp, li l-Partijiet jaqblu illi wara li jitnaqqsu l-ammonti ta' €7,314.23 u €2,672 rispettivament dovuti minn Gevimida u Misprint lis-Sinjura Cassar Galea skont l-ewwel parti ta' dan il-kuntratt, illum jammontaw ghal* ***tlettax-il elf u tlieta u tletin punt disgha wiehed Ewro (€13,033.91)****, liema somma s-Sinjura Cassar Galea tobbliga ruhha li thallas lura permezz ta' pagamenti ta' elf Ewro (€1,000) il-wiehed fix-xahar, minghajr imghax, l-ewwel pagament ghandu jsir fl-ewwel ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (01.01.2019), u sakemm l-imsemmija somma ta'* ***€13,033.91*** *tithallas lura ghas-saldu tal-meritu tal-kawza pendenti li ggib numru wiehed tnejn erbgha wiehed zbarra tnejn zero wiehed tmienja zbarra FDP (1241/2018/FDP) u kif ukoll il-mandat ta' inibizzjoni relattiv ghall-istess kawza, ghandhom jibqghu fis-sehh. Galadarba l-imsemmija somma ta'* ***€13,033.91*** *tithallas ghas-saldu, Gevimida tobbliga ruhha li ccedi l-imsemmija kawza u li tintavola l-kontro-mandat ghall-imsemmi mandat ta' inibizzjoni, b'kull Parti tibqa' obbligata li thallas l-ispejjez taghha konnessi mal-istess proceduri gudizzjarji."*

23. Mill-assjem tal-provi li ghandha quddiemha din il-Qorti jirrizulta ghalhekk li t-talba tal-kumpanija rikorrenti hija ben fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod juri li l-ammont mitlub minnha m'huwiex dovut mill-intimata.

**Decide**

24. **Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' t-talba tal-kumpanija rikorrenti u konsegwentement tikkundanna lill-intimata thallasha s-somma ta' tlettax-il elf, mija tmienja u sebghin euro u sitta u ghoxrin centezmu (€13,178.26)**

**flimkien mal-imghax legali fuq din l-istess somma dekoribbli mid-data li fiha giet notifikata l-intimata bir-rikors promotur sad-data tal-hlas effettiv. L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-intimata.**

**Dr. Victor George Axiak LL.D.**
**Magistrat**

**Mario Azzopardi**
**Deputat Registratur**